MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 154/2004/1

**Mary Rose Borg gia` Mifsud**

**v.**

**Victor Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:

“Premess illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi, fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Ottubru tas-sena elf, disa’ mija u erbgha u sebghin (1974), kif jirrizulta mill-

anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’;

“Premess illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali liema kuntratt kien ippublikat fis-27 ta’ April tal-1999, hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘B’;

“Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga u peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghall-istess partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

“Premess illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’biza’ u b’qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

“Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

“Premess illi z-zwieg iccelebrat fil-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi fis-26 ta’ Ottubru 1974 huwa null u bla effett skond il-Ligi.

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

“Tiddikjara u tiddeciedi ai termini ta’ l-Artikoli 19(1)(a), (c) u (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-26 ta’ Ottubru 1974 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi;

"Illi waqt li jichad l-allegazzjonijiet maghmula kontra tieghu minn martu, z-zwieg kien null u bla effett peress illi l-attrici ma kienitx f'qaghda li tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg u l-kunsens taghha kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali ta' l-istess.

"Ghalhekk huwa ma ghandu jbati l-ebda spejjez ta' din il-kawza. "

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-1 ta' Novembru 2007, li in forza taghha cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez a kariku tal-istess attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntratt mal-konvenut fis-26 ta' Ottubru 1974 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][c][d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap. 255. Min-naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad l-allegazzjonijiet attrici maghmula fil-konfront tieghu, jattribwixxi n-nullita` taz-zwieg ghall-fatt li l-istess attrici "ma kienitx f'qaghda li tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg" u ghall-*caput nullitatis* kontemplat fil-fuq imsemmi paragrafu [d].

**"Kwadru tal-fatti**

"Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Ottubru 1974 meta allura l-attrici kella 18-il sena u nofs, u l-konvenut kellu 28 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa 3 snin. Matul dan iz-zwieg huma kellhom zewgt-it tfal fis-snin 1976 u 1978, circa. Wara konvivenza matrimonjali ta' 25 sena il-partijiet, fis-27 ta' April 1999, iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

“Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

“Illi jirrizulta li l-ilment principali ta’ l-attrici huwa li meta zzewwget hija kienet ghadha zghira hafna, kienet immatura ghax ma kienitx tohrog u li fid-dar kien hemm hafna sikkatura rizultat mill-fatt li missierha kellhu biza’ kbira li xi wahda mill-hamest-ibniet hutha kienet ser tohrog tqila qabel iz-zwieg. In sostenn ta’ dan hija resqet bhala xhieda lil hutha.

“Aktar specifikatament hija tghid li missierhom ma kienx ihallihom johorgu u ghalhekk ftit kellha kuntatt ma’ guvintur, anke meta kellha 17- il sena ma kienx ihalliha taghmel *make up*; u meta qabdet mal-konvenut, jew ahjar dan qabad maghha, missierha ma kienx ihallihom johorgu wahedhom u ma kienx ihallihom joqoghdu barra wara li jidlam. Rizultat ta’ dan huma kienu jaghmlu hafna hin id-dar tal-genituri taghha jaraw it-*television*.

“Hija tghid hekk: “Kont iddejjaqt fis-sitwazzjoni kif kienet, u kull ma kelli f’mohhi kien li nehles minn din is-sikkatura……Hawnhekk iddecidejna li nizzewgu, u min-naha tieghi dak li xtaqt.” Hi tghid li f’dak iz-zmien “ma kellix ghalhekk apprezzament taz-zwieg bhala unjoni ta’ zewg persuni spiritwali, kulturali, fizika u familjari ghall-hajja.” [1]

“Illi rigward il-hajja konjugali l-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvneut “qatt ma wrieni mhabba genwina. ” Peress li kien jahdem il-Libja, hames gimghat Malta u hames gimghat il-Libja, kien jaghmel perijodu ta’ zmien nieqes mill-familja, u dana nonostante li l-attrici kien ser ikollha t-tieni wild, u nonostante l-opposizzjoni taghha. Hija tilmenta wkoll mill-fatt li anke meta kien ikun Malta, kien jaghti priorita` lill-passatempi tieghu.

“Hija tatribwixxi lill-konvenut instabbilita` f’hajtu, u mil-lat ta’ xoghol huwa ma kien lest jistabilixxi ruhu mkien. Di fatti kien hemm zmien meta kien ried jemigra lejn l-Awstralia, sussegwentement kien iddecieda li jiftah

---

[1] Aff. fol.22 et seq.

negozju u tghid li matul dak iz-zmien kien biddel ix-xoghol tieghu “xi sitt darbiet”, filwaqt li hi kienet tiehu hsieb it-tfal. Tghid ukoll li “Matul iz-zwieg dejjem hassejt li ma kienx lest ghall-*commitment* f’xejn. La fil-familja u lanqas fix-xoghol minhabba din l-instabbilita`”. “Ghat-tfal kien qisu barrani u dan ghaliex hu qatt ma ried jaf bihom.” Inoltre, meta “il-ftit drabi li kien jaghti decizjoni li tittiehed fil-familja, kien jippretendi li dan isir kif kien jghid hu.” Tghid ukoll, minghajr ma taghti ndikazzjoni ta’ zmien, li “Gieli gara li kien ikolli mmur norqod hdejh sakemm isir l-att ta-zwieg, u hi kienet taccettah ghax kienet tibza’.

“Fid-deposizzjoni taghha tghid li hija ssapportiet din il-konvivenza matrimonjali daqshekk fit-tul, minhabba li ma rieditx tiehu passi li jkunu ta’ pregudizzju ghal uliedha, li llum ghandhom 30 sena u 28 sena circa. Inoltre, tghid li peress li zewgha kien ghamel zmien jahdem barra minn Malta, hija kien ikollha *“breaks”* mit-tip ta’ hajja li kienet qeda tghix.

“Illi l-konvenut min-naha tieghu jghid[2] li hu ghadu s’issa ma jafx ghaliex martu trid tholl iz-zwieg minn mieghu. Hu jghid li l-attrici kienet tghidlu li trid tghix hajjitha; izda apparti minnhekk, sallum ghadu ma jafx ir-raguni ghall-azzjoni ta’ martu. Huwa jghid li kien ikollhom relazzjonijiet intimi sa circa sena u nofs qabel is-separazzjoni. Isostni li “Ma kienx hemm xi affarijiet kbar sa fejn naf jien fuqiex titlaq.” Fuq mistoqsija jghid li qabel iz-zwieg kienu marru il-kors ta’ Kana.

“Riward ix-xoghol tieghu barra minn Malta, il-konvenut jghid li huwa minnu li huwa kien mar jahdem il-Libja meta martu kienet waslet biex twelled it-tieni tarbija, izda jghid li hu kien mar minhabba l-flus u mhux vakanza “pero` wara, dejjem qaltli li mnalla mort ghax x’hin tara l-flus imbaghad...”

“Rigward is-sikkatura min-naha ta’ missierha qabel iz-zwieg, il-konvenut jghid li dak iz-zmien “hekk kien kulhadd”, izda jikkonferma li matul it-tlett snin ta’ qabel

[2] Dep. fol.23 *et seq.*

huma gieli kienu hargu wahidhom fid-dawl u kienu jinnammraw.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li, ghalkemm l-attrici fic-citazzjoni tindika l-Artikolu 19[1][a][c][d] u [f] tal-Kap. 255 bhala l-bazi legali ta' l-azzjoni taghha, peress li z-zwieg kien gie kuntrattat fis-sena 1974, u ghalhekk qabel ma kien gie promulgat l-Att taz-Zwieg fis-sena 1975, huwa applikabbli l-Artikolu 36 ta' l-istess Att.

"Kif osservat din il-Qorti, fil-kawza *PA[RCP] Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003*, gjaladarba z-zwieg in disamina gie celebrat fis-sena 1974, u ghalhekk qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att XXXVII [Kap. 255] tas-sena 1975 li beda jirregola z-zwigijiet civili, u gjalarba dan iz-zwieg kien gie celebrat bir-rit religjuz[3], allura l-ligi li kienet tirregola z-zwieg taghhom kien id-Dritt Kanoniku vigenti qabel l-emendi tas-sena 1983; u ghalhekk bid-dritt kanoniku msejjah Kodici Pio Benedittin tas-sena 1917; u jekk iz-zwieg jigi misjub validu taht dan il-qafas guridiku, allura ghall-ezami tieghu taht l-imsemmi Att XXXVII josta l-Artikolu 36[2] ta' l-istess Att, li jistipula li "Ebda haga f'dan l-Att ma ghandha tolqot il-validita` ta' zwieg li kien validu meta sar."[4]

"Illi skond il-Kodici Benedettin l-kawzali ndikati fic-citazzjoni jirriferu ghal kanoni 1087 li jitratta l-kaz meta l-kunsens ikun mehud b'vjolenza jew biza'; il-kanoni 1082 li jitratta l-kaz ta' injoranza dwar x'jimorta z-zwieg, u l-kanoni 1086 li jitratta dwar is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali; kif ukoll il-*caput nullitatis* li zdied mill-gurisprudenza rotali, dak ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li kien diga` jigi applikat qabel l-introduzzjoni tal-Kodici Kanoniku tas-sena 1983 f'dawn it-termini *"It is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this*

[3] Vide Att taz-Zwieg [fol.5]
[4] Vide *PA[RCP] Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003* u kazistika hemm citata

*perpetual and indissoluble contract through which a state of life is accepted which has grave obligations."*[5]. In sostanza, dawn il-kanoni jikkontemplaw l-istess capita nullitatis indikat fl-artikolu precitat.

"Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li l-provi attrici huma skarsi fis-sens li, ghajr ghal-fattur tad-dixxiplina li missier l-attrici kien jezercita fuqha u fuq hutha l-bniet l-ohra, deskritta mill-attrici bhala "sikkatura", l-attrici strahet fuq l-affidavit taghha, u d-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, li f'certu aspetti jsibu kuntrast fid-deposizzjoni tal-konvenut.

"Illi l-Qorti ser tghaddi biex titratta l-kawzalijiet seriatim kif indikati fic-citazzjoni.

*"Discretio iudicii*

"In propositu l-Qorti tosserva li, ma jirrizultax provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha l-attrici kienet affetta mill-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li taghraf u jirrifletti, jew li tiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali peress li kienet mahkuma minn impulsi nterni li nehhewlha l-liberta` tal-ghazla, u cioe` li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.

"Huwa minnu li meta l-attrici zzewget hija kellha ftit aktar minn 18-il sena; eta` din, li fil-gurnata tal-lum, principalment minhabba fatturi ekonomici, titqies bhala zghira biex persuna tizzewweg; izda mill-banda l-ohra, gjaladarba hija kellha l-eta` preskritta mil-ligi biex tkun tista' tikkuntratta zwieg validu, allura tigi fis-sehh il-prezunjoni juris tantum, li hija kellha d-diskrezzjoni gudizzjarja necessarja biex validament tidhol fiz-zwieg; u ghalhekk, in mankanza ta' provi li juru l-kuntrarju, ma jistax validament jinghad li l-attrici kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali. Huwa minnu li ta' dik l-eta`

[5] Decizjoni Rota *De Jure* – 19.12.1961

persuna necessarjament ikollha maturita` limitata hafna, *multo magis* f'dawk iz-zminijiet, izda min-naha l-ohra ma jirrizultax mill-provi li l-attrici kienet tant immatura li ma kellhiex certu dixxerniment tal-hajja konjugali u ta' l-obbligi li din necessarjament iggib maghha u li fil-gurisprudenza jinsabu defeniti bhala *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics* [*Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000*]."

"Inoltre jigi osservat li, anke jekk <u>dato non concesso</u>, l-attrici kienet verament iddecidiet li tizzewweg lill-konvenut biex tehles mis-sikkatura tad-dar, xorta wahda dan il-fattur per se ma jwassalx ghan-nullita` taz-zwieg bazata fuq dan il-*caput nullitatis*, ghax il-fatt li persuna tizzewweg ghall-motivi zbaljata ma jintegrax dan il-*caput nullitatis* li in sostanza jikkontempla l-kaz fejn il-parti tkun <u>inkapaci</u> li tgharaf id-dmirijiet tal-hajja konjugali. Di piu' jigi osservat li mill-provi ma jirrizultax li dan kien <u>l-uniku skop</u>, <u>u xejn aktar</u>, li ghalih hija ddecidiet li tizzewweg lill-konvenut.

"Il-Qorti tosserva li dan il-*caput nullitatis*, la jikkonfigura fil-kontront ta' l-attrici, u wisq anqas fil-konfront tal-konvenut li f'dak iz-zmien kellu 28 sena, kien jahdem u kellu relazzjonijiet ohra qabel dik ma' l-attrici. Aktar specifikatament, it-tul tal-konvivenza matrimonjali, li matulha l-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi regola, sa ftit qabel is-separazzjoni bir-rizultat li ghandhom zewgt-it tfal minn dan iz-zwieg, jimmilita serjament kontra din il-kawzali.

“Illi fuq it-tieni parti ta’ din il-kawzali bazata fuq l-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dina manifestament hija nfondata stante mankanza lampanti ta’ provi f’dan ir-rigward.

“In fine jigi osservat li din il-kawzali ma tistax tikkoezisti mal-kawzali l-ohra bazata fuq l-eskluzjoni posittiva, peress li persuna ma tistax teskludi dak li ma taghrafx.

*“Vis et metus*

“Illi t-tieni kawzali proposta mill-attrici hija bazata fuq il-*caput nullitatis* li jikkontempla l-kaz fejn il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba biza’ da parti ta’ wiehed mill-kontroaenti.

“In propositu jinsab ritenut fil-gurisprudenza, li biex il-kunsens matrimonjali jkun ivvizjat bil-vjolenza jew bil-biza’ fis-sens tal-ligi jehtieg li dik il-vjolenza jew biza’ tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens, izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsesns. *Il matrimonio e’ nullo se si celebra per timore, e non e nullo se si celebra con timore* [Bersini]. Il-biza’ trid tkun ta’ certu portata b’mod li tkun tista’ tidditermina kompletament l-ghoti tal-kunsens. Jehtieg ghalhekk li jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dak li pprecedew iz-zwieg kif ukoll dawk aktar vicin u qrib id-data taz-zwieg.

"Fil-kaz in disamina dan il-fattur manifestament ma jirrizultax. L-attrici stess fl-affidavit taghha tghid: "Hawnhekk <u>iddecidejna</u> li nizzewwgu, u <u>min-naha tieghi dak kien li xtaqt</u>."[6] Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-partijiet riedu jizzewwgu fil-mument li taw il-kunsens matrimonjali taghhom u li din kienet xelta libera taghhom.

"Illi rigward l-fattur tal-‘qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga’ il-Qorti tirrileva li [1] ma rrizulta provat ebda kwalita` inerenti fil-persuna tal-konvenut li min-natura taghha kienet ta’

[6] Fol.23 – sottolinear tal-Qorti

tfixkil serju fil-hajja matrimonjali tal-partijiet; u [2] wisq anqas ma rrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dana nganna u gharraq bl-attrici. Jigi osservat li, il-fatt li matul il-konvivenza matrimonjali [twila u li matulha twieldu zewgt-it tfal separatament], u wara certu zmien, zviluppaw certu problemi dwar *modus vivendi* tal-partijiet u l-hajja komuni, ghalkemm dawn jistghu iservu bhala bazi ghas-separazzjoni ta' bejniethom, ma jwasslux necessarjament ghall-annullament taz-zwieg li huwa bazat fuq estremi differenti u aktar ristretti. Fil-kaz odjern dawn l-estremi ma jikkonfigurawx mill-provi.

"In fine jigi osservat li l-allegazzjoni attrici li 'ir-ragel tieghi qatt ma wrieni mhabba genwina'[7] apparti mill-fatt li mhjiex sostnuta bi provi adegwata, hija wkoll inverosmili fic-cirkostanzi tal-kaz. L-istess japplika ghall-allegazzjoni li l-konvenut kien jinjora t-tfal kompletament u 'qatt ma ried jaf bihom'. Jigi rilevat li, ghalkemm illum it-tfal huma maggjorenni u huma adulti sew, ma tresqux bhala xhieda, almenu dwar dan l-allegat fatt.

*"Simulazzjoni*

"Illi hafna mill-premess japplika ghal dan il-*caput nullitatis*; u l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew xi hadd minnhom, internment u b'att posittiv tal-volonta` tieghu, eskluda 'iz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. '

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-ebda wahda mill-kawzali, proposti mill-attrici u li fuqhom ibbazat it-talba taghha, ma tirrizulta sodisfacentment provata, u ghalhekk it-talba attrici mhijex gustifikata peress li ma ssibx sostenn fil-provi. "

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-

[7] Fol.23 – sottolinear tal-Qorti

ewwel Qorti, billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg bejn il-partijiet;

Semghet lid-difensur tal-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-annullament taz-zwieg li sehh bejn il-partijiet fis-26 ta' Ottubru, 1974. Matul dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt-it tfal li llum it-tnejn huma maggorenni. Wara konvivenza matrimonjali ta' 25 sena il-partijiet isseparaw b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat tas-27 ta' April, 1999. L-attrici issa qed tghamel din il-kawza biex titlob dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut. L-attrici donna lanqas hi stess ma taf ghaliex iz-zwieg taghha ghandu jigi dikjarat null ghax resqet bhala kawzali kwazi r-ragunijiet kollha possibli, u sahansitra *in extremis* ziedet kawzali bazat fuq is-simulazzjoni, li, kif inhu risaput, hija inkompatibbli mal-kawzali l-ohra bazata fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

L-ewwel Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti u semghet hi stess lill-partijiet jiddeponu, cahdet it-talba attrici ghax qieset li l-attrici ma rnexxiliex tipprova mqarr wahda mill-allegazzjonijiet taghha.

L-attrici appellat bl-aggravju jkun li hi zzewget meta kienet immatura (kellha 18-il sena meta zzewget) u biex tahrab mid-dar ta' missierha.

Qabel ma tittratta l-meritu, din il-Qorti trid tindika li hi taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti illi, fit-termini tal-ligi dwar iz-zwieg, billi z-zwieg in kwistjoni kien celebrat bir-rit kanoniku qabel l-1975, allura l-validita` o meno tal-istess zwieg religjuz irid jigi mistharreg skond ir-regoli tad-Dritt Kanoniku qabel l-emendi li saru fl-1983, u cioe`, dawk elenkati fil-Kodici Pio-Benedittin tal-1917. Dan gie konfermat mhux biss fil-kawza li ghaliha hemm riferenza fis-sentenza tal-ewwel Qorti, izda wkoll ricentement minn

din il-Qorti fil-kawza "Lama v. Lama", deciza fit-2 ta' Ottubru 2007. Kwindi, ghamlet tajjeb l-ewwel Qorti li ezaminat jekk iz-zwieg tal-partijiet kienx jew le validu fid-dawl tad-dritt vigenti dakinhar li sehh dak iz-zwieg.

Trattat issa l-meritu din il-Qorti regghet ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u tara li tant huma skarmi li difficilment jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullita`. L-attrici tibbaza l-aggravji taghha fuq l-allegazzjoni li hi zzewget biex tehles mis-sikkattura tad-dar. Milli jidher din is-sikkattura kienet timmanifesta ruhha f'dixxiplina fuq il-*make-up,* l-*ilbies* u l-hrug, pero`, ma jidhirx li kienet tali li kapaci xxekkel l-izvilupp mentali tal-attrici u l-kapacita` taghha li tiddeciedi x'sejra taghmel b'hajjitha. Jista' jkun li kienet imdejqa d-dar b'din id-dixxiplina, pero`, ma jirrizultax li waslet sal-punt li tirrikorri ghaz-zwieg bhala xi haga ta' bilfors. L-attrici kellha x-xewqa li tizzewweg ("min-naha tieghi dak kien li xtaqt"), u d-decizjoni li jizzewgu l-partijiet haduha flimkien ("hawnhekk iddecidejna li nizzewgu"). Mix-xhieda tal-konvenut ma jidhirx li din kienet xi decizjoni affrettata, ghax tul iz-zmien li damu johorgu flimkien qabel iz-zwieg, kienu jitkellmu fuq iz-zwieg, it-tfal, fejn se joqoghdu u fuq il-hajja mizzewga. Missier l-attrici offrilhom *flat* u huma accettaw li joqoghdu fih flimkien wara z-zwieg. Il-konvenut jghid li hu xtaq li jizzewweg lill-attrici u d-decizjoni li jizzewgu haduha flimkien.

Lanqas jirrizulta li, ghal dak iz-zmien, kien hemm xi sikkatura zejda fil-hrug taghhom. Il-partijiet gieli hargu flimkien wahedhom, b'dan li missier l-attrici kien jinsisti li hi tkun lura x'hin jidlam, bil-hin, allura, ivarja skond iz-zmien. L-attrici kienet tixtieq, forsi iddum barra izjed, pero`, jekk izzewget minhabba dan ma jfissirx li d-decizjoni mhux hi haditha jew li ma kienitx qed tifhem il-konsegwenzi tal-pass li kienet se taghmel. Il-fatt li l-partijiet ghexu b'mod "normali" (fi kliem il-konvenut) hajja mizzewga ta' 25 sena u rabbew zewgt itfal, juri li l-partijiet kienu jafu xi tfisser li timpenja ruhek ghall-hajja taz-zwieg.

Ma jirrizultax mill-provi li missier l-attrici kien, kif iddeskrivietu l-attrici, "sever u strett oltre l-limiti accettati

fis-sebghinijiet"; kien, forsi, jesigi certu rispett u dixxiplina u ghalkemm dan seta' dahhal elementi ta' biza' fl-attrici, ma jirrizultax li hi zzewget minhabba din il-biza', a differenza ta' biss bil-biza'. L-attrici ma dahlitx ghaz-zwieg biex tehles minn missierha, l-aqwa li titlaq mid-dar, kien min kien ir-ragel li kien se jehlisha minn dik il-"biza'"; is-sikkatura, skond hi zejda, immotivata, forsi, tahseb kmieni ghaz-zwieg, pero` riedet tizzewweg mal-konvenut u t-tnejn kellhom impenn ta' unjoni bejniethom. Ma jirrizultax li hi eskludiet iz-zwieg b'xi att pozittiv (rikjest ghall-fini ta' simulazzjoni), u lanqas li hi kienet priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko estimattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg cioe`, dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga (rikjest biex jigi stabbilit nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju: ara per ezempju "Aguis v. Borg", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1995).
Ghar-rigward ta-kawzali bazat fuq qerq, ma jirrizultax f'hiex l-attrici giet ingannata dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Il-fatt li, wara hajja mizzewga ta' 25 sena, l-attrici trid tghix il-hajja taghha libera minn kull xkiel, waqt li l-konvenut jidher li opponiha u xtaq jibqa' jghix il-hajja familjari, ma jistax iwassal ghal dikjarazzjoni ta' ngann dwar xi kwalita` tal-karattru tal-konvenut.

Din il-Qorti tara li l-ewwel Qorfti ghamlet studju dettaljat u analitiku tal-ligi u tal-fatti ta' dan il-kaz, u taqbel mal-apprezzament li hi ghamlet, li tqiesu wiehed gust u korrett. Kwindi, ma tarax li hemm lok ghar-revoka tas-sentenza appellata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------